Minuti tas-sitta u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Gimgha, 18 ta' Frar, 2011, fis-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta' bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Joe Camilleri staqsa ghaliex il-lista li ghadda lis-Segretarju Ezekuttiv wara l-laqgha precedenti fuq l-affarijiet li kienu mitluba minnu u ghadhom ma sarux, ma tnizlitx fil-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondit li dawn l-affarijiet diga tnizlu separatament, fil-minuti ta' qabel.

Paragrafu 5 – is-Sur Joe Camilleri staqsa kif il-Kunsill ma kitibx lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi fuq id-devoluzzjoni Ta' Passi. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv qed tistenna l-*final accounts* minghand l-accountant, ghaliex huma bzonjuzi mal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni. Dawn l-accounts ghadhom kemm gew ippreparati u ghalhekk fiz-zmien li gej ser jintbaghtu ma' l-applikazzjoni lid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali.

Paragrafu 8 – Mozzjoni min Joe Camilleri. Huwa rega sahaq li ma jaqbilx li ma jinzammux minuti ta' kull laqgha li ssir mas-Segretarju Ezekuttiv jew mas-Sindku. Is-Sindku qal li kull laghqa li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom ma xi kapijiet ta' Dipartiment jew entitajiet ohra fuq diversi suggetti, dejjem inghataw rendikont taghhom fil-laghqa tal-Kunsill li jkun imiss.

Paragrafu 12 – is-Sur Joe Camilleri staqsa ghaliex l-ikla stal-Milied saret f'Ghajnsielem. Huwa kompla jghid li is-sena l-ohra kien sar ftehim li l-ikla tal-Milied ma ssirx fir-Rahal. Is-Sur Larry Buttigieg irrisponda li peress li kien hemm din l-offerta ta' €30 ir-ras ghand dan ir-restaurant, u peress li *l-partner*s halsu min buthom kienet ideali.

Paragrafu 13 – is-Sur Joe Camilleri staqsa kif gew mgharfa n-nies bil-laqgha tal-lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li hija mxiet mal-ligi, fejn tghid li l-avviz irid jidher darbtejn fuq gazzetti bil-Malti, u darbtejn fuq gazzetti bl-Ingliz. Hija qablet mas-Sur Joe Camilleri li ghas-sena d-dieha ssir nota zghira fuq il-bullettin u fuq in-*notice boards*.

Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

- Xoghol ninvestu f'socjeta b'solidarjeta – invit ghal-konferenza mis-segretarjat tal-Onor. Chris Said li ser issir il-Gimgha 11 ta' Marzu, 2011 il-Grand Hotel. Is-Sindku u l-vici Sindku kkonfermaw li ser jattendu ghal din il-laqgha.
- Triq Cordina – Transport Malta approvaw li jsiru xi emendi fil-bankina minhabba li kienet qed izzomm hafna ilma, bil konsegwenza li qed jidhol l-ilma tax-xita fid-djar. Dan sar wara laqgha li kellu l-Kunsill mal-perit u ufficjali ohra ta T.M., fejn wara spezzjoni fuq il-post, huma qablu mal-Kunsill li ssir trinka miftuha ta' pied wiesa fil-bankina sabiex jghaddi l-ilma tax-xita. Il-Kunsill ircieva pjanti minn T.M. kif trid tigi din it-trinka fil-bankina. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogholijiet minn kuntrattur privat u mil-haddiema tal-Kunsill.
- Nazzareno Vassallo Award – il-Kunsill qabel li ma jinnomina lil hadd din is-sena ghal dan l-award.
- Transport Malta – Single yellow line fit-Triq il-Gnien – approvat
- Transport Malta – Estenzjoni ta' Double yellow line fit-Triq Mgarr – mhux approvata

4. Service culvert tad-dawl

Wara li kien issugerixxa Joe Camilleri biex il-wires tad-dawl li prezentament qed jghaddu minn quddiem ic-Centru Civiku jitnehhew u jghaddu minn taht it-triq, irrizulta li fil-fatt fil-permess tal-MEPA hemm kundizzjoni sabiex issir trinka u dawn l-wires jghaddu minn din it-trinka. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet ghal laqgha ma' l-Engineer Vella mill-Enemalta u l-Engineer Curmi biex issir diskuzzjoni fuq dan il-kaz. Il-laqgha saret fuq il-post, fejn iz-zewg enginiera flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv giet diskussa kif ghanda ssir t-trinka. Wara s-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-engineer Curmi biex jaghmel stima tat-trinka fejn irrizulta li din kienet ser titla ghal €9,500. Is-Sindku qal li peress l-istima kienet ser tqum hafna flus, hu ippropona sabiex it-tul tat-trinka ssir fit-triq u ghad-dritt u mhux kif kien miftihem li ssir taht il-bankina. Is-Sindku qal ukoll li l-gandott u kisi bit-tarmac isir minn kuntrattur privat pero x-xiri ta' materjal u x-xoghol ta' bini tal-hitan fil-gandott u kapitelli isir mil-haddiema tal-Kunsill tal-ETC u IPSL. B'hekk l-ispiza tonqos konsideroli. Hawn il-prezenti qablu ma din il-proposta tas-Sindku.

5. Attivitajiet b'kommomerazzjoni tal-Papa Gwanni Pawlu II

Is-Sindku spjega kif gie avvicinat mil-kavallier Carmel Zammit, fejn dan gharrfu li huwa, flimkien mal fondazzjoni JP2 ser jorganizzaw festival bit-titlu ta' "Wojtyla Chant" fil- 25 ta' Mejju 2011. Il-fondazzjoni qieghda titlob lil-Kunsill t'Ghajnsielem biex torganizza din ic-cerimonja tal-ftuh ta' dan il-festival fir-rahal t'Ghjansielem. Il-fondazzjoni qed titlob ukoll ghal diversi affarijiet li jinvolvu spejjez lil-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma jistax jaccetta il-proposti kollha ta' din l-attivita, u ghalhekk ghandu jikteb lis-Sur Zammit u jgharfu li l-Kunsill lest li joffri biss l-uzu ta' l-ufficcju tal-Kunsill, uzu tal-pjazza tad-Dehra, jinstalla dawl u sound, kif ukoll li jnaddaf wara l-festival.

6. Attivita' Sportiva fil-Mellieha

Is-Sindku qara l-ittra ta' stedina li rcieva l-Kunsill nhar it-18 ta' Jannar mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha. Dan jixtieq jahdem b'kollaborazzjoni mal-Kunsill t'Ghajnsielem, biex tigi organizzata attivita' sportiva fejn din tkun taghmel parti mic-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Mellieha 2011. Il-Kunsill t'Ghajnsielem qabel li jiehdu zewg timijiet tan-nurseries t'Ghajnsielem F.C. ghal-loghbiet tal-football bejn Ghajnsielem u Mellieha u jipparticipa wkoll ghal-tournament tal-isnooker bejn Ghajnsielem u Mellieha. Il-prezenti kkonfermaw li ser jattendu ghal din l-attivita ukoll u qablu li jiprovdu transport u biljetti tal-vapur lil min ser jippartecipa f'dawn l-attvitajiet.

7. Gemellagg Erchie

Is-Sindku spjega li hareg *flyers* mal-lokalita` kollha biex jazva lir-residenti, u kull min hu nteressat fuq din iz-zjara li ser issir f'Erchie kellu jintikeb fl-ufficcju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret lil prezenti li mill-Comune t'Erchie kienet saret stedina lill-Kunsilli ta' l-Gharb u Ghajnsielem, fuq programm ta' Italia-Malta, sabiex itellghu grupp ta' residenti mill-lokalita respettivament ghal gita ta' gimgha f'Erchie, fejn is-suggett ser ikun ta' festa religjuza. L-ispejjez ghal din il-gita hi ta €250 tal-passagg biss ghaliex l-akkomodazzjoni u ikel ser ikun provdut mill-Komunita` t' Erchie. Is-Sindku u s-Sur Peter Caruana accettaw li jakkompanjaw lir-residenti, kemm il-darba ikun hemm konkorrenza bizzejjed. Il-prezenti qablu ukoll li l-Kunsill ghandu jhallas l-spejjez tal-passaggi tas-Sindku u s-Sur Caruana peress li dawn ser jirraprezentaw lil-Kunsill.

8. Easter Egg Hunt

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat lill prezenti li hija kellha laghqa mal-Bubbles Entertainment Ltd. u dawn accettaw li ssir attivita` ghat-tfal fil-Pjazza tad-Dehra b'risq l-Arka Foundation fit-23 t'April, 2011, b'kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jaghmel avviz fuq il-bullettin biex javza lir-

residenti b'din l-attivita`, kif ukoll johrog flyer f'kull dar f'Ghawdex. Il-Kunsill qabel ukoll li jaghmel il-permessi mehtiega sabiex jinghalqu t-toroq li jaghtu ghal-Pjazza biex ma jkunx hemm periklu ghat-tfal. Il-kumplament ser ikun f'idejn Bubbles Entertainment Ltd.

9. CCTV tender

Is-Sindku spjega kif l-ewalwazzjoni ta' din it-tender ghamlu l-engineer Mario Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants. Is-Sindku qara r-rapoort ta' l-evalwazzjoni, fejn kien hemm 4 kumpaniji li applikaw ghat-tender. Dawn kienu:

Alberta Fire and Security Ltd – Option 1: €9,543; Option 2: €8,436

G4S Security Services (Malta) Ltd - €16,062.10

Eagle Security Services - €12,154.60

Firetech Ltd. - €9,052.40

Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport t'evalwazzjoni li t-tender ghandha tinghata lil Alberta Fire and Security Ltd. fuq option 2.

10. Ta' Passi

Is-Sindku qal li kif imsemmi fuq item 2, fi ftit granet ohra ser issir l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni ta' Ta' Passi. Huwa qal li kien sar jaf li parti mil-bicca art li kien hemm wara l-kazin tal-Banda kienet ghada tal-Joint Office. Hu ghalhekk kien qed jissuggerixxi li din l-art ghandha tigi devoluta wkoll lill-Kunsill u tizdied mal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni ta' Ta' Passi biex tkun art wahda. Hu qal li b'hekk il-Kunsill ikun jista jkabbar il-progett ta' Betlehem f' Ghajnsielem, kif ukoll il-progett ta' *Recreational park*. Il-Kunsill qabel u approva din il-proposta tas-Sindku.

11. Clean up the world

Wara stedina mill-Madam tal-iskola primarja t'Ghajnsielem, il-Kunsill qabel li ssir attivita mal-istudenti biex issir 'Clean up campaign' f'Ta Passi. Ghal-din l-attivita, il-Kunsill qabel li jistieden lil-Ministru ghal-Ghawdex ukoll. L-attivita ser issir il-Hamis, 24 ta' Frar, fid-9am.

12. Bird life

Din l-organizzazzjoni talbet lil Kunsill biex tiprovdi post f'Ghajnsielem fejn huma jkunu jistghu jaghmlu laqghat mal-kaccaturi u nassaba tal-lokal. L-organizzazzjoni talbu ghal-laqgha mas-Sindku l-ewwel, imbad wara din il-laqgha jiddeciedi l-Kunsill rigward jaccettax li jipprovdi l-post.

13. Belvedere fit-Triq Hamri

Is-Sindku stqarr li dahlet e-mail indirizzata lilu personali fl-ufficcju tal-Kunsill minn ghand is-Sur Simon Zammit rigward is-suggett. Din l-e-mail originarjament hi mibghuta lis-Sur Zammit minn Astrid Vella. Din l-email kien fiha anness r-rapport li ghamlu d-Dipartiment ta' l-Artijiet fuq il-Belvedere msemmi. Is-Sindku qara dan ir-rapport fejn jghid li d-Dipartiment tal-Artijiet fethet kawza lis-sid tal-lukanda, Silvio Rapa, izda dan ma jirrigwardjax lill-Kunsill. Is-Sindku kompla jghid li l-importanti li f'dan ir-rapport hemm imnizzel car u tond li l-linja tad-divizjoni, jigiefieri l-hajt li nbena mis-sur Silvio Rapa bejn il-Belvedere u l-l-Grand Hotel inbena kif originalment kien qabel ma beda x-xoghol, u mhux kif kien qed dejjem jinghad minn xi residenti fi Triq Hamri. Is-Sindku qal li hu skantat kif dan ir-rapport wasal ghandu personali u mhux gie mibghut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lill-Kunsill Lokali.

14. Permess tal-Mepa ghal-Librerija gdida

L-applikazzjoni ghal-permess bid-D.N.O. ma gietx accetta mill-Mepa peress li fl-applikazzjoni ma kienux prezentati d-dokumenti minghand d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-KNDP, il-Fire and Safety, il-Health Department kif ukoll li s-site plan ma kienitx immarkata ezatta. Il-Kunsill qabel li jerga japplika ghal dan il-permess, bl-awtorizzazzjoni ta' dawn id-Dipartimenti imsemmija u jissommettihom flimkien mal-applikazzjoni. Il-Kunsill approva li jgib kwotazzjoni biex jinbnew iz-zewg hitan li hemm bzonn f'din l-estensjoni ghal-librerija. Il-Kunsill qabel ukoll li jaghmel il-bieb ta' barra u ipoggi l-madum f' din l-estensjoni. Il-kumplament tax-xoghol fuq il-librerija ghandu jsir mil-Foundation for Tomorrow Schools.

15. Accounts Annwali

Is-Segretarju Ezekuttiv qasmet lil presenti l-*annual accounts* tas-sena 2010 ghal-diskussjoni. Il-prezenti qablu ma dawn kif gew prezentati u ghalhekk gew approvati.

16. Delegati mil-Palestina

Saret diskussjoni mill-presenti fuq il-vista minn erbgha Sindki mill-Palestina flimkien ma' Dr. Joe Mifsud li saret fil-Ufficcju tal-Kunsill Lokali ftit granet qabel. Is-Sindki li ghamlu z-zjara taghhom gewwa Ghajnsielem kienu dawk ta: Betlehem, Gerico, Hebron u Ramallah. F'din il-laghqa, il-hames Sindki prezenti wasslu l-messaggi taghhom ghal din l-okkazzjoni u l-Kunsill Lokali t' Ghjansielem gie mistieden minn dawn is-Sindki biex izuru l-bliet rispettivi taghhom. L-erbgha Sindki gew murija video ta' Betlehem f' Ghajnsielem u wara zaru wkoll Ta' Passi fejn setghu jaraw kif jinbena dan il-villagg haj ghaz-zmien tal-Milied. Id-delegati ghamlu zjara wkoll lill-parrocca ta' Ghajnsielem. Ghal din l-okkazzjoni memorabli ghar-rahal ta' Ghajnsielem, saru tibdil ta' rigali miz-zewg nahat u giet moghtija ukoll plakka ta' kommomerazzjoni flimkien ma video lis-Sindku ta' Betlehem mis-Sindku ta' Ghajnsielem bhala bidu ta' hbiberija bejn dawn iz-zewg postijiet.

17. Materji Ohra

Larry Buttigieg

- Isir culvert ghal-ilma fit-Triq il-Gnien – il-Kunsill ma approvax li jsir dan peress li l-culvert trid taghmlu jizbokka x'imkien u mhux possibli li tixhet l-ilma quddiem id-djar tar-residenti, kif ukoll li dan il-culvert jirrizulta f'hafna spejjez li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jonfoq.

Peter Caruana

- Staqsa fuq l-irhama tal-Pjazza tad-Dehra – is Sindku irrisponda li huwa rcieva l-ktiba minn Fr. Joe Bezzina, u ghalhekk issa ser ingibu stima taz-zewg plakek li jridu jitwahhlu.
- Wirt Ghawdex harget ktieb fuq it-Torri t' Mgarr ix-Xini. Ikun idea tajba jekk nixtru 2 ghal-librerija u ghal-ufficcju tal-Kunsill – kulhadd qabel ma dan.

Stephen Mercieca

- L-irhama tal-Pjazzetta 10 ta' Dicembru tigi mghollija ftit ghaliex ma tidhirx – il-Kunsill qabel ma dan.
- Issugerixxa li tinhareg stqarrija fejn tghid li l-Kunsill jaqbel li jsir *tunnel* bejn Malta u Ghawdex – il-Kunsill ma qabilx ma dan ghaliex ghadu kmieni wisq biex issir.

Joe Camilleri

- Fil- 5 ta' Marzu ser jinhatar isqof, Patri OFM Joseph Bonello li huwa mix-Xaghra u li ghamel sena jahdem fil-knisja ta' Sant Antnin. Is-sur Camilleri qed jissugerixxa li l-Kunsill jaghti gieh lill-dan l-isqof billi jinghata plakka ta' tifkira mill-Kunsill b'awguri. Il-kunsill qabel ma dan.

- Issugeriixa li Sqaq Balliju tigi msemmiha ghal-Mons. De Piro. Huwa kompla jissuggerixxa li t-Triq Ramon Perellos issir Triq Mons. Zerafa. Il-Kunsill qabel li niktbu lil-kumitat ghall-ismijiet tat-Toroq fuq Sqaq Balliju, izda fuq Triq Ramon Perellos ma sarx qbil li din issir Triq Mons. Zerafa peress li l-kumitat tat-toroq ma ghadux jaccetta ismijiet ta' qassisin u membri parlamentari.

- Issugerixxa li ssir Festival Frawli b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' l-Imgarr Malta – il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra b'dan issugeriment lil Kunsill ta' l-Imgarr.

- Staqsa fuq il-permessi tal-Mepa fuq l-Ghajn tal-Hasselin – is-Sindku zvela li r-rapport tal-*case officer* tlesta u dan qed jirakkomanda din l-applikazzjoni ghal-*grant permission*. Issa wasal f'istadju tieghu fejn qieghed ghand il-board tad-DCC ghal approvazzjoni.

Francis Cauchi

18. Is-Sindku spjega li ghar-rikonstrazzjoni tal-Ghajn u l-Arkata il-Kunsill kien applika ghal fondi mil-Ewropa biex isiru mil Fond ta' l-ERDF. Min dawn il-fondi, dan il-Kunsill ma giex allokat fondi diretti, izda gie mqieghed fuq ir-riserva. Is-Sindku qal li hu kellu laghqa ma Dr. Joseph Grech, li huwa fil-board tal-'Leader' taht l-ERDF ghal-Ghawdex. Dan spjega lis-Sindku li dalwaqt ghandha tohrog applikazzjoni ghal-programm mill-Ewropa taht l-iskema ERDF, fejn il-massimu ta' fondi li jista jinghata lil applikant fuq progett hu ta' €300,000. Peress li kien hemm diga Kunsilli Lokali Ghawdxin li diga hadu flus minn dan il-programm, dawn ma jistghux jergu japplikaw u ghalhekk il-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem ser ikun f'pozizzjoni ahjar li jista jakkwista l-fondi fuq xi progett. Huwa talab lis-Sindku biex jiddiskutu fil-laqgha tal-Kunsill progett li huwa elegibbli ghal din l-applikazzjoni. Is-Sinkdu ssugerixxa li l-applikazzjoni terga ssir fuq ir-rikonstrazzjoni ta' l-Ghajn u l-Arkata kif ukoll embellishment tal-Pjazza tad-Dehra u isir access ghal wied minn din il-Pjazza, jinfethu x-xelters li hemm taht din il-pjazza, jizdied is-sigurta' fil-Playing Field Amabile Cauchi, jitnaddaf il-wied sa l-Arkata u jitrangaw mill-gdid il-hitan tas-sejjieh ma' dan il-wied. Dan ikun progett wiehed li jghaqqad dawn il-postijiet li jkun hemm access wiehed ghalihom kollha. B'dan il-progett, il-Kunsill ikun qieghed jattira aktar turisti fir-rahal billi jibda jippromovi dan il-post fejn propju kien il-bidu tar-rahal ta' Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-progett u accetta li japplika ghal dawn il-fondi appena tohrog l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li jirtira mill-applikazzjoni ta' Measure 313 li qeghdin fuq ir-riserva, biex ikun jista japplika taht dan l-progett 'Leader'.

Il-laqgħa ntemmet fit-8pm. Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu 2011, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv